**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 58/2007**

**Illum: 28 ta' Ottubru, 2016**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Clifford Bonnici**
**(ID 281183(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Clifford Bonnici ta' 23 sena, iben Raymond u Anna nee` Micallef, imwieled Pieta` fl-24 ta' Mejju 1983, residenti 'Oleander', Triq Monsinjur Alfred Mifsud, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita` numru 281183(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-25 ta' Marzu 2007 u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

a) Importa, jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (eroina) f'Malta, hlief skond id-

disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat wiegeb li mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat ukoll illi fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz u li m'humiex ikkontestati kienu s-segwenti:

Nhar il-25 ta' Marzu 2007, l-imputat gie mwaqqaf minn Ufficjali tad-Dwana hekk kif kien ghadu kif nizel mill-*Catamaran*, li kien gej minn Sqallija. *Frisk search* li saret fuq il-persuna tieghu rrizultat fin-negattiv, izda fil-pakkett tas-sigaretti li kellu fil-but, instabet bicca *foil* b'sustanza. Stante illi waqt li kienu qeghdin ikellmu lill-imputat, l-istess Ufficjali tad-Dwana nnutaw illi l-istess imputat kien qed jirriskontra diffikulta` sabiex jitkellem, huwa gie mitlub jew imgieghel jiftah halqu u gie nnutat li taht ilsienu kellu sustanza.[1] Membri mill-Iskwadra kontra d-Droga ossia PC 1065 Neville Grech u PS 765 marru gewwa s-*Seaport* sabiex jassistu lill-Ufficjali tad-Dwana li da parti taghhom, ghaddewlhom kapsola u bicca blokka bajda li kienet f'*foil*. L-imputat gie arrestat u ttiehed gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghal investigazzjoni ulterjuri.[2] Huwa rrilaxxja stqarrija nhar is-26 ta' Marzu 2007, wara li nghata s-solita twissija illi ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jaghmel dan, izda li dak li jghid jista' jingieb bi prova.[3] F'din l-istqarrija, l-imputat ghazel li ma jwegibx ghad-domandi li sarulu, kif kellu kull dritt li jaghmel. Fix-xhieda tieghu, l-Ispettur (illum Supretendent) Dennis Theuma jispjega illi peress illi kien hemm suspett li seta' kien hemm izjed kapsoli mohbija fuq il-persuna tal-imputat, l-istess imputat ittiehed l-isptar San Luqa, fejn sarulu *scans* tal-*abdominal tract*, izda dawn l-ezamijiet taw ezitu negattiv.[4]

Mir-relazzjoni esebita mill-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, jirrizulta li huwa nghata dokument mill-Ispettur Dennis Thuema ossia l-Ufficjal Investigatur f'dan il-kaz, li nterroga lill-imputat[5], liema dokument kien jikkonsisti f'borza tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem "*Data 25.03.07, Hin 9.30 p.m., Elevat/i minn halqu l-borza l-kbira minn gol-but il-bicca tal-foil, fil-prezenza ta' Clifford Bonnici, minn SCA Lawrence Cutajar, SCA Jesmond Vella, Officer Philip Spiteri*". F'din il-borza kien hemm blokka ta' lewn kannella car li kienet imgezwra go bicca plastik trasparenti, bicciet zghar hafna ta' sustanza bajda li kienu mgezwra go bicca karta ta' lewn il-fidda tas-sigaretti u *manicure set* f'kaxxa tal-plastik sewda.

---

[1] L-Ufficjal tad-Dwana Jesmond Vella ddeskriva din is-sustanza bhala sustanza bajda, kif iddeskriva wkoll is-sustanza fil-*foil* li nstabet fil-pakkett tas-sigaretti (ara x-xhieda tieghu a fol. 28 sa 30 tal-process), fil-waqt illi l-Ufficjal tad-Dwana Lawrence Cutajar iddeskriva l-oggett li kien taht ilsien l-imputat bhala kapsula (ara x-xhieda tieghu a fol. 31 u 32 tal-process). Il-Fizzjal tad-Dwana Philip Spiteri xehed illi shabu li kienu qeghdin jissorveljaw il-hrug tal-passiggieri minn fuq il-*Catamaran* infurmawh li kienu waqqfu passiggier u li kienu sabulu xi sustanza f'pakkett tas-sigaretti u xi kapsula. X'hin mar hdejhom, huwa ra zewg pakketti zghar (a fol. 33 u 34 tal-process).

[2] Ara x-xhieda ta' PC 1065 Neville Grech, a fol. 22 sa 23 tal-process.

[3] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 20 sa 21 tal-process.

[4] Ara x-xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma a fol. 39 sa 41 tal-process.

[5] Ara f'dan is-sens ix-xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma.

L-istess espert ikkonkluda bil-mod segwenti:

a) Li ma nstabux sustanzi illegali fuq il-*manicure set* li kien hemm fid-dokument fuq imsemmi;

b) Li l-bicciet zghar ta' sustanza bajda li kien hemm fl-istess dokument, f'ammont nett totali ta' 0.127 grammi, instabet fiha s-sustanza Kokajina;

c) Li fil-blokka ta' sustanza kannella car fl-istess dokument, f'ammont nett totali ta' 7.918 grammi, instabet fiha s-sustanza Herojina. Il-purita` ta' din il-blokka ghas-sustanza Herojina kienet ta' cirka 17.6%. Is-sustanza Herojina hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda, Taqsima 1 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri.[6] Huwa jghid illi gie arrestat tmien snin qabel, li kien inqabad bid-droga u li kellu l-problema tad-droga. Jghid illi kien jiehu l-eroina. Jghid ukoll illi huwa gie arrestat x'hin nizel mill-*Catamaran*. L-imputat jghid illi huwa tella' d-droga mieghu Sqallija ghaliex kellu jqatta' jumejn gewwa Catania, izda gara li ma damx kemm kien mistenni fis-sens li ma damx jumejn hemmhekk u ghalhekk nizzel mieghu d-droga li kien ghad fadallu. Minflok jumejn, dam biss gurnata gewwa Sqallija. Jghid illi huwa kien ser jiltaqa' ma' habib tieghu, li tela' wahdu u nizel wahdu ghaliex il-habib tieghu baqa' hemm mal-mara. Jghid illi d-droga li nstabet fuqu kienet ghall-uzu personali tieghu u li huwa qatt ma biegh droga. Jghid ukoll illi fiz-zmien in kwistjoni, huwa kellu l-vizzju tad-droga u li kien jiehu anke gramma u nofs u tnejn. Skont hu, ilu jiehu l-kura kontra l-vizzju tad-droga minn dak iz-zmien u li kien ghadu jmur ghall-*methadone* sa dakinhar tax-xhieda tieghu u li jmur ukoll il-Caritas. Jghid illi kienu nstabu xi erba' grammi droga fil-pussess tieghu.

In kontro-ezami, l-imputat jghid illi din kienet l-unika darba li kien mar Sqallija u nizzel id-droga mieghu. Jghid illi tella' d-droga mieghu u nizzilha u li l-bqija qatt ma kien inqabad Catania jew barra minn Malta bid-droga fuqu jew inizzilha Malta, ghalkemm gieli mar Sqallija drabi ohra. Jghid illi qatt ma nizzel *samples* ta' droga minn Sqallija u illi mhux minnu li kien tela' Sqallija darb'ohra biex igib *sample* ta' droga, li din ghogbitu u tela' ghal ftit izjed.

**Ikkunsidrat ukoll:**

---

[6] Ara x-xhieda tieghu a fol. 72 *et seq* tal-process.

Il-Qorti tinnota illi ghalkemm fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2013, id-difiza talbet lill-Qorti sabiex taghmel referenza kostituzzjonali dwar zewg punti minnha sollevati, fis-seduta sussegwenti, id-difiza talbet sabiex minflok tikkunsidra din il-Qorti jekk ghandhiex taghmel din ir-referenza, tistenna l-ezitu tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet 'Pulizija vs Sandra Spagnol' li kienet titratta l-punti minnha sollevati u li fir-rigward taghhom, il-Qorti kif diversament preseduta, kienet diga` ghamlet referenza kostituzzjonali lill-imsemmija Prim'Awla tal-Qorti Civili. Sussegwentement, madankollu, id-difiza baqghet ma indikatx lill-Qorti l-ezitu ta' din ir-referenza, kompliet tressaq il-provi taghha u finalment ghaddiet sabiex taghmel is-sottomissjonijiet finali. Ghal kull buon fini, u ghal fini ta' kompletezza, il-Qorti ser tirreferi ghall-punti mqajjmin mid-difiza fit-trattazzjoni taghha dwar ir-referenza kostituzzjonali minnha mitluba.

Jibda biex jinghad illi wiehed mill-punti mqajjma mid-difiza f'din it-talba taghha kien jirrigwarda l-istqarrija tal-imputat, liema punt ghalkemm f'forma diversa anke fid-dawl tal-izvilupp ricenti li sar fil-gurisprudenza tal-qrati taghna dwar l-istess, gie mqajjem ukoll minnha fis-sottomissjonijiet finali, fejn sostniet illi l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat mhijiex ammissibbli bhala prova, la darba l-imputat ma nghatax id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tieghu. Dan il-punt ser jigi trattat u deciz mill-Qorti izjed 'il quddiem f'din is-sentenza. In oltre, id-difiza ssollevat ukoll il-kwistjoni tal-indipendenza u l-imparzjalita` ta' din il-Qorti, la darba hija l-istess Qorti tal-Magistrati li kkonduciet inkjesta fil-kaz odjern. Skont id-difiza, kien hemm ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem billi l-imputat mhux ser jigi ggudikat minn Qorti indipendenti u imparzjali u dan ghaliex l-istess Qorti (bhala Qorti tal-Magistrati), kif diversament preseduta, kienet qdiet funzjonijiet investigattivi fl-istess kaz qabel l-imputat tressaq il-Qorti akkuzat bl-akkuzi odjerni.

Dwar dan, kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-3 ta' Lulju 1997, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta` Malta vs Jason Calleja**

**"***L-ewwel ma jrid jigi ccarat huwa li l-Magistrat Inkwirenti fil-kors tal-inkjesti li l-imsemmi Titolu jirriservaw ghalih ma jagixxix bhala Qorti Istruttorja izda bhala Magistrat ut sic. Anzi f`certi partijiet tal-Kodici Kriminali, bhal per ezempju, fl-artikolu 549(4) hemm cara id-distinzjoni bejn il-Magistrat Inkwirenti u l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja.*

*Stabbilit li l-Magistrat Inkwirenti fl-inkjesti ma jagixxix bhala Qorti Istruttorja x`hini allura l-funzjoni tieghu? M`hemmx dubbju li l-ewwel konkluzjoni hija illi fl-*

*inkjesta huwa anqas ma ghandu funzjoni ta` Gudikatura Kriminali. Certament huwa persuna intiza mil-ligi stess ta` importanza fondamentali fil-process tar-ricerka tal-verita` izda l-Magistrat Inkwirenti m`ghandux il-funzjoni li jistabilixxi l-htija jew l-innocenza ta` xi persuna, indizjata jew m`hijiex. F`dan il-kuntest wiehed irid joqghod attent ghaliex certu kliem uzat mil-ligi specjalment fl-artikolu 554 tal-Kodici Kriminali jista` jaghti l-impressjoni illi fost il-funzjonijiet tal-Magistrat Inkwirenti hemm dik li jikxef il-hati. Pero` dan m`huwiex il-kaz u jista` jigi affermat minghajr l-icken esitazzjoni illi dan qatt ma gie dubitat. Isegwi li l-kliem mill-artikolu 554(1) tal-Kodici Kriminali: "Il-Magistrat jista` jordna l-arrest ta` kull persuna li waqt access jikxef li hija hatja, jew li kontra taghha jkunu ingabru indizji bizzejjed ... (fit-test Ingliz: "It shall be lawful for the Magistrate to order the arrest of any person whom, at the inquest, he discovers to be guilty or against whom there is sufficient circumstantial evidence ..." mhux hlief poter ta` arrest li l-ligi testendi lil Magistrat Inkwirenti fejn fil-kors ta` xi inkjesta jemergu provi cari jew indikazzjonijiet qawwija li xi persuna partikolari aktarx hija responsabbli ghal kummissjoni tar-reat li jkun qed jigi investigat. Specjalment mit-test Ingliz, fejn jissemmew espressament "circumstantial evidence" jidher li l-ligi qed tipprospetta kemm il-prova diretta kif ukoll dik indiretta: fejn dawn ikunu cari bizzejjed il-Magistrat Inkwirenti, ghalkemm kif inghad, m`ghandux il-funzjoni li jistabilixxi htija jew innocenza, ghandu il-fakolta` li jordna l-arrest ta` dik il-persuna biex possibilment il-gustizzja tiehu l-kors taghha tempestivament u awtorevolment u mhux fid-diskrezzjoni tal-pulizija. Dan hu l-uniku mod kif dak li hemm provdut fl-artikolu 554(1) tal-Kodici Kriminali jista' jaghmel sens jekk il-principju tal-innocenza fis-sistema taghna ghandu jkollu, kif fil-fatt dejjem inghata, valur assolut.*

*In linea generali, il-Magistrat Inkwirenti hu fdat lilu l-inkariku li fil-kazijiet previsti mill-istess Titolu, jinvestiga r-reat jew il-fatt rapportat lilu u/jew izomm l-access li l-ligi tipprevedi u fl-ahharnett jirredigi proces verbal li l-ligi stess tirregola u tattribwilu valur probatorju. Dan kollu jifforma parti integrali mill-process generali tar-ricerka tal-verita` u jikkonsisti principalment fil-gbir u preservazzjoni ta` dawk il-provi kollha, diretti jew indiretti. Il-Magistrat Inkwirenti jirnexxielu jidentifika bhala pertinenti ghall-grajja jew reat li jkun qed jinvestiga. Bhala tali u kuntrarjament ghal dak li jigri f`certi sistemi kontinentali, il-Magistrat Inkwirenti mhux parti mill-pulizija u wisq anqas mill-prosekuzzjoni; anzi jidher car li fis-sistema taghna huwa previst biex f`numru ta` kazijiet serji li l-ligi stess tispecifika, l-investigazzjoni ma ssirx biss, u l-provi ma jingrabrux u ma jigux preservati biss mill-Pulizija, izda ukoll anzi essenzjalment minn persuni ndipendenti mill-poter esekuttiv tal-Istat u li jiggarantixxu li r-ricerka tal-verita`*

*ma tkunx inkwadrata minn xi interessi hlief dak suprem li kollox issir skond il-haqq u l-gustizzja ...*".

U fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Jannar 2013, fl-ismijiet **Mario Borg vs Kummissarju tal-Pulizija et**, inghad hekk:

"*It-tielet aggravju jolqot ir-rwol tal-magistrat inkwirenti u l-magistrat li quddiemu ssir il-kumpilazzjoni. L-attur igħid illi l-magistrat inkwirenti ma huwiex indipendenti mill-pulizija u dan il-fatt idgħajjef il-presunzjoni ta' innocenza meta l-istess magistrat "tinza l-kappell ta' inkwirenti u tilbes dak ta' qorti istruttorja u talvolta gudikanti".*

*Din il-qorti taqbel għal kollox mal-konsiderazzjonijiet tal-ewwel qorti dwar dan l-ilment u ftit tara ħtiega li zzid magħhom. Is-sejbien ta' ħtija ma sarx mill-magistrat izda mill-gurati. Barra minn hekk, kif sewwa qalet l-ewwel qorti, il-magistrat hija indipendenti mill-prosekuzzjoni, ma esprimiet ebda opinjoni dwar il-ħtija tal-attur fil-verbal li bih għalqet l-inkjesta, u, f'kull kaz l-attur mhux biss ma ressaqx eccezzjoni ta' rikuza tal-magistrat izda wkoll l-eccezzjoni li ressaq ta' nullita` tal-atti tal-istruttorja irtiraha.*"

U fil-kaz deciz mill-Qorti ta' Strassburgu fit-13 ta' Gunju 2013, fl-ismijiet **Romensky vs Russia**[7], inghad hekk:

*" ... The Court reiterates that "[a] tribunal must be subjectively impartial, that is, no member of the tribunal should hold any personal prejudice or bias. Personal impartiality is presumed unless there is evidence to the contrary" (see Padovani v. Italy, 26 February 1993, § 26, Series A no. 257 B, and Daktaras v. Lithuania, no. 42095/98, § 30, ECHR 2000 X). The Court may also employ an objective approach, that is, determine whether the judge offered sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in respect of his impartiality (see Piersack v. Belgium, 1 October 1982, § 30, Series A no. 53, and Grieves v. the United Kingdom [GC], no 57067/00, § 69, ECHR 2003-XII). The Court is mindful that there is no watertight division between the two notions, and that the same act or statement by a judge may be analysed through the prism of a "subjective" or "objective" test (see Olujić v. Croatia, no. 22330/05, §§ 57 et seq., 5 February 2009). The Court further reiterates that "in maintaining confidence in the ... impartiality of a tribunal, appearances may be important" (Brudnicka and Others v. Poland, no. 54723/00, § 41, ECHR 2005 II). Finally, the Court has always*

[7] 22875/02.

*stressed the importance of "national procedures for ensuring impartiality" which are directed, inter alia, "at removing any appearance of partiality and so serve to promote the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public" (see Mežnarić v. Croatia, no. 71615/01, § 27, 15 July 2005, and Huseyn and Others v. Azerbaijan, nos. 35485/05, 45553/05, 35680/05 and 36085/05, § 162, 26 July 2011).*

*In general, one of the roles of the trial judge is to manage the proceedings with a view to ensuring the proper administration of justice. It is perfectly normal that a judge may consider and dismiss an application for release lodged by a detained defendant. In doing so the judge is required, under both the Convention and the domestic law, to establish the existence of a "reasonable suspicion" against the defendant. The mere fact that a trial judge has already taken pre-trial decisions in the case, including decisions relating to detention, cannot in itself justify fears as to his impartiality; only special circumstances may warrant a different conclusion (see Hauschildt v. Denmark, 24 May 1989, § 51, Series A no. 154, and Sainte-Marie v. France, no. 12981/87, § 32, 16 December 1992). That being said, while deciding on an application for release lodged by a defendant, the court must not assess whether or not the defendant is guilty (see Gultyayeva v. Russia, no. 67413/01, § 197, 1 April 2010). The court`s role is limited to establishing the state of suspicion, which may be insufficient to prove the defendant`s guilt beyond reasonable doubt, but which connects the defendant, his actions, whereabouts, and so on, to the actus reus of the case. "Suspicion and formal finding of guilt are not to be treated as being the same" (Jasiński v. Poland, no. 30865/96, § 55, 20 December 2005)".*

Meqjusa dawn il-principji u tenut kont tal-gurisprudenza tal-qrati taghna dwar ir-rwol u l-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti u kif din hija diversa mir-rwolijiet ohra li jassumi Magistrat fit-termini tal-Kodici Kriminali, fil-kaz odjern, kif jirrizulta mill-process verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti, il-Magistrat (illum Imhallef) Dr. Jacqueline Padovani Grima, ma gie deciz assolutament xejn li b'xi mod jistabilixxi htija fl-imputat odjern dwar ir-reati li bihom jinsab akkuzat, izda anzi l-inkarigu taghha gie fit-tmiem tieghu proprju kif il-Pulizija Ezekuttiva ddecidiet li tressaq lill-imputat u takkuzah bl-imputazzjonijiet odjerni fi zmien tmienja u erbghin siegha mill-arrest tieghu. Dan apparti illi l-Magistrat illum sedenti f'dan il-kaz u li ser tiddeciedi l-istess, m'hijiex l-istess Magistrat li rredigiet l-process verbal dwar din l-inkjesta.

Kif inghad, il-Qorti ghamlet referenza ghal dan il-punt sempliciment ghal fini ta' kompletezza ghaliex naturalment, din il-Qorti m'ghandha l-ebda kompetenza

sabiex tiddeciedi kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali jew ilmenti dwar nuqqas ta' smiegh xieraq.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Fis-sottomissjonijiet finali taghha, id-difiza tikkontendi illi l-istqarrija tal-imputat u kwalunkwe dikjarazzjoni li seta' ghamel waqt li kien qed jigi investigat, ghandha tigi sfilzata jew skartata mill-Qorti, stante illi fiz-zmien in kwistjoni l-imputat ma kellux id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tieghu. Hawnhekk id-difiza irreferiet ukoll ghax-xhieda tal-Ufficjal Investigatur, l-Ispettur Dennis Theuma, f'liema xhieda, huwa jirreferi ghal dak li qallu l-imputat qabel ittiehdet l-istqarrija tieghu bil-miktub.

Jirrizulta illi l-imputat irrilaxxja l-istqarrija tieghu fis-26 ta' Marzu 2007, ossia fiz-zmien meta l-ligi ma kinitx tippermetti illi persuna arrestata tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju taghha. Dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg v. Malta**, gie ritenut hekk:

"*The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

…

*It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to*

*all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56)*".

F'dan il-kaz ghalhekk il-Qorti Ewropea ikkonkludiet li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6(3)(c) flimkien mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri**, fejn l-appellant ikkontesta l-ammissibilita` tal-istqarrija rilaxxjata minnu fis-sena 2002, stante illi l-ligi ma kinitx tipprovdilu d-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju tieghu, il-Qorti wara li rreferiet fit-tul ghas-sentenza appena citata u rreferiet ukoll ghall-kaz ta' **Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs Ukraine**, deciz fit-13 ta' Gunju 2014, qalet hekk:

"*... allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma' l-artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma ikunx hemm disposizzjoni ad hoc li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li isehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma ikun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Navone vs Monaco, nstab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta' l-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kenitx tippermettieha. (ara ukoll Yesilkaya vs Turkey – 59780/00 08/12/2009, Fazli Kaya vs Turkey – 24820/05 17/09/2015).*

*Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xorta wahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6(3)*[8] *u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma' avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u id-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti implikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed.*"

---

[8] Hawnhekk il-Qorti rreferiet ghal kaz fl-ismijiet Dayanan vs Turkey, deciz fit-13 ta' Ottubru 2009.

Imbaghad il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet hekk:

"*Illi allura hija fis-setgha ta' din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju kontra l-appellanti illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra il-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq tal-persuna akkuzata. Fil-fatt dan il-jedd gie indikat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz Dimech vs Malta*[9] *fejn f'dak il-kaz ghalkemm il-Qorti ma setatx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma intemmux, madanakollu sahhqet:*

***"…. it cannot be entirely excluded that the courts of criminal jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the courts of criminal jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose."***

F'dak il-kaz, il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset ghalhekk illi ghalkemm l-appellant ma wegibx ghad-domandi kollha li kienu sarulu fil-kors tal-interrogatorju tieghu, huwa kien wiegeb ghal xi domandi li gew ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti meta giet biex tiddetermina l-htija tal-istess appellant. Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-dawl tad-decizjonijiet minnha citati, dan ma setax isir u ghaldaqstant iddecidiet illi tiskarta l-istqarrija tal-appellant bhala prova.

Fis-sentenza taghha tas-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Cortis**, il-Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament preseduta, qablet pjenament mas-sentenza appena citata u ghaddiet biex tiskarta l-kontenut tal-istqarrija tal-appellant f'dak il-kaz, rilaxxjata minnu f'Mejju tas-sena 2005 "*u dan fuq il-premessa illi ma kellux il-beneficcju tal-assistenza legali waqt li mizmum taht arrest minkejja li l-ligi vigenti f'dak iz-zmien kienet teskludi l-jedd ghal tali assistenza*".

Dan il-principju gie kkonfermat ukoll mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija l-bierah, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Eugenio Sultana**.

[9] 34373/13, deciz fit-2 ta' Lulju 2015.

Fil-kaz odjern, ghalhekk, la darba l-imputat ma nghatax id-dritt li jottjeni parir legali qabel irrilaxxja l-istqarrija tieghu, il-Qorti qed tqis tali stqarrija bhala priva minn kull valur probatorju u qeghda tiskartaha. Naturalment, dan ghandu japplika wkoll ghal kwalunkwe stqarrija maghmula mill-imputat, minghajr ma gie moghti dan id-dritt, inkluz ghalhekk kull stqarrija verbali li jkun ghamel l-istess imputat fl-istadju tal-investigazzjoni u mhux biss l-istqarrija li titnizzel bil-miktub, ghaliex l-istess ragunament ghandu japplika ghal tali stqarrijiet ukoll. Fil-kaz odjern, ghalhekk, il-Qorti qeghda tiskarta kemm l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fis-26 ta' Marzu 2007, kif ukoll dak kollu li stqarr l-istess imputat verbalment waqt l-arrest u l-investigazzjoni tieghu.

Sorvolat dan il-punt, jibqa' ghalhekk bhala provi, is-sejba tad-droga eroina u kokaina fuq il-persuna tal-imputat hekk kif huwa kien ghadu kif nizel mill-*Catamaran* minn Sqallija fil-jum in kwistjoni, u dan fl-ammonti indikati fir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud u x-xhieda tal-imputat, li jghid illi fiz-zmien in kwistjoni, huwa kellu l-vizzju tad-droga u li ghalhekk din id-droga kienet ghall-uzu personali u esklussiv tieghu.

Permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat jinsab akkuzat bl-importazzjoni tad-droga eroina gewwa Malta. F'dan ir-rigward, fis-sottomissjonijiet taghha, id-difiza tikkontendi illi f'dan il-kaz ma kienx hemm importazzjoni, ghaliex kif spjega l-imputat fix-xhieda tieghu, huwa hareg id-droga minn Malta u sussegwentement rega' dahhalha mieghu. Ma kienx il-kaz, skont id-difiza, illi l-imputat ottjena sustanza minn pajjiz iehor u dahhalha gewwa Malta.

L-Artikolu 15A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "*(1) Hadd ma jista' jimporta jew jesporta, jew igieghel li tigi importata jew esportata, jew jaghmel xi haga biex tkun tista' tigi importata jew esportata, medicina perikoluza f'Malta jew minn Malta hlief taht u skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.*
>
> *(2) Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-kliem "importazzjoni" u "esportazzjoni" u l-varjazzjonijiet grammatikali taghhom u l-espressjonijiet imnisslin minnhom ghandu jkollhom it-tifsir moghti lilhom fl-artikolu 2(1).*"

Skont l-Artikolu 2(1) tal-istess Kapitolu, imbaghad, il-kelma "importazzjoni", bil-varjazzjonijiet grammatikali taghha u bl-espressjonijiet imnisslin minnha, tfisser, rigward Malta, iggib jew iggieghel li jingieb f'Malta b'kull mod li jkun.

Fil-fehma tal-Qorti, ghalkemm huwa minnu li komunement b'importazzjoni wiehed jifhem id-dhul gewwa Malta ta' prodotti jew oggetti li joriginaw barra mill-pajjiz, biss id-definizzjoni tal-kelma 'importazzjoni' fl-artikolu appena citat, bl-ebda mod ma teskludi l-agir ta' persuna li tohrog oggett minn Malta u terga' ddahhlu fl-istess pajjiz. Irrispettivament mill-origini tal-oggett in kwistjoni, ossia f'dan il-kaz id-droga eroina u giet minn fejn giet din id-droga, m'hemmx dubju, li l-imputat odjern gab id-droga f'Malta, ai termini tad-definizzjoni fuq citata, minghajr l-awtorizzazzjoni necessarja li tirrikjedi l-ligi. Fi kwalunkwe kaz, fil-fehma tal-Qorti dan huwa punt purament akkademiku ghal fini tal-kaz in ezami, ghaliex il-Qorti ma temminx illi l-imputat telaq bid-droga minn Malta u rega' dahal b'dik id-droga li kien ghad fadallu. Fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid illi kellu l-vizzju tad-droga u illi kien jiehu gramma u nofs jew tnejn, ghalkemm lanqas ma jispecifika f'kemm zmien kien jiehu tali ammont. Jghid ukoll illi mar Sqallija bil-hsieb li jaghmel jumejn hemmhekk, izda minflok ghamel biss jum u rega' nizel lejn Malta. Fil-pussess tieghu madankollu, apparti d-droga kokaina, fir-rigward ta' liema l-imputat ma gie akkuzat bl-ebda mod, instabet id-droga eroina f'piz ta' tmien grammi. Fir-rigward ta' din ix-xhieda tal-imputat, il-Qorti tosserva s-segwenti: huwa tassew facli ghall-imputat li jiehu l-pedana tax-xhieda u jipprova jiggustifika l-pussess tal-ammont ta' droga misjuba fuqu billi jghid illi kien jiehu anke zewg grammi eroina, presummibilment kuljum, u fl-istess waqt, jghid ukoll illi fil-pussess tieghu kellu madwar erba' grammi eroina, li ma kienx il-kaz ghaliex kif inghad, l-ammont kien kwazi d-doppju ta' dak indikat minnu. Li persuna tinqabad fil-pussess ta' ammont mhux zghir ta' droga u mbaghad tiehu l-pedana tax-xhieda u tipprova tiggustifika li dak l-ammont instab fil-pussess taghha ghaliex kien esklussivament ghaliha sempliciment billi tghid kemm kienet tikkonsma droga fiz-zmien in kwistjoni u dan biex donnha tipprova ggibha zewg, ma jwassalx necessarjament sabiex din il-Qorti taccetta – imqar sal-grad tal-probabbli - l-ispjegazzjoni moghtija minn dik il-persuna. Apparti li f'dan il-kaz, il-Qorti setghet tosserva l-komportament tal-imputat fuq il-pedana tax-xhieda li ma kkonvincihiex, tqis ukoll illi ghandha biss din ix-xhieda tal-imputat fuq x'hiex tistrieh fir-rigward tal-entita` tal-vizzju li huwa jghid illi kellu fiz-zmien in ezami, meta kien tassew facli ghalih li jressaq provi ohrajn f'dan ir-rigward bhal per ezempju, rapprezentanti mid-*Detox* u mill-Agenzija Caritas, u dan fid-dawl tal-fatt illi huwa jghid ukoll li kien u baqa' sad-data tax-xhieda tieghu jiehu l-*methadone* u li ghadu f'kuntatt mal-Caritas. Izjed importanti minn hekk, madankollu, anke jekk ghall-grazzja tal-argument, il-Qorti tqis illi l-imputat kien jikkonsma maz-zewg grammi eroina kuljum, tqis ukoll illi minkejja li l-imputat jghid illi huwa kien mar Sqallija sabiex iqatta' jumejn hemmhekk u li kien ha d-droga mieghu minn Malta sabiex ikollu d-droga anke f'dawk il-jiem, dan ifisser li ghal dawk il-jumejn, huwa ma

kellux bzonn izjed minn erba' grammi eroina. Madankollu, wara li qatta' biss jum fi Sqallija u suppost ghalhekk ikkonsma xi haga tad-droga wkoll, mhux biss ma nizilx b'inqas minn erba' grammi (jew allura suppost cirka nofs dan l-ammont), izda nizel b'addirittura kwazi tmien grammi eroina u ghalhekk ferm izjed mill-ammont li suppost kellu bzonn ghall-perjodu ta' jumejn gewwa Sqallija, apparti li kellu wkoll ammont zghir ta' kokaina fil-pussess tieghu. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis ukoll ix-xhieda tal-Ufficjal tad-Dwana, Jesmond Vella, li jghid illi l-imputat ma kienx qed igorr la bagalji u lanqas *hand luggages*[10], fatt dan li lanqas ma jikkorrobora dak li qal l-imputat fis-sens illi huwa originarjament kien mar Sqallija ghal jumejn, f'liema kaz, wiehed kien jistenna li l-imputat kien igorr, imqar xi haga zghira, mieghu! Tenut kont dawn ic-cirkostanzi, b'mod partikolari, l-ammont ta' droga li nstabet fil-pussess tal-imputat, li ma jikkombaccja xejn ma' dak li huwa jghid fix-xhieda tieghu, il-Qorti ma temminx – lanqas sal-grad tal-probabbli – li l-imputat tella' d-droga mieghu minn Malta u li rega' gab lura dak li kien ghad fadallu minnha.

Jirrizulta car u ppruvat illi l-imputat gab id-droga eroina f'Malta, hekk kif huwa kien ghadu gej minn Sqallija. L-intenzjoni tieghu li huwa jdahhal din id-droga f'Malta tirrizulta wkoll. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tat-<u>tieni imputazzjoni</u>, l-imputat qed jigi akkuzat ukoll bil-pussess aggravat tad-droga eroina. F'dan ir-rigward, fis-sottomissjonijiet finali taghha, id-difiza sostniet illi ma ngabet l-ebda prova li turi li l-imputat kellu l-intenzjoni specifika li jispaccja d-droga li nstabet fil-pussess tieghu. Skont id-difiza, sabiex tinstab htija ta' pussess aggravat, jinkombi fuq il-prosekuzzjoni illi turi, sal-grad tal-konvinciment morali, li l-imputat kien ifforma l-intenzjoni specifika li jghaddi d-droga lil haddiehor. Ukoll skont id-difiza, l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tal-imputat ma huwiex sufficjenti sabiex jigi ppruvat il-pussess aggravat ta' dik id-droga, ghalkemm il-pussess jirrizulta.

Ghalhekk, skont id-difiza, mill-atti ma jirrizultax ippruvat la illi d-droga misjuba fil-pussess tal-imputat ma kinitx intiza ghall-uzu personali tieghu u fit-tieni lok, lanqas ma tirrizulta l-intenzjoni tal-imputat li jispaccja d-droga li, fi kliem id-difiza, huwa element necessarju sabiex jissussisti r-reat ta' pussess aggravat.

Dwar l-elementi tar-reat in kwistjoni u b'mod partikolari l-element intenzjonali li taghmel referenza ghalih id-difiza, il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-

[10] A fol. 29 tal-process.

Appell Kriminali, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Jason Mallia</u>**, moghtija fit-2 ta' Settembru 1999 (Appell Nru. 130/1999), fejn inghad hekk fir-rigward tar-reat in kwistjoni:

"*Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni <u>mhix mehtiega</u> ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga <u>li mhix bi hsiebha tuza</u>, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma 'uzu' il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioe` li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmaha.*"

Huwa car ghalhekk illi l-ligi taghna ma tirrikjedix l-*animus* fl-imputat li jispacca d-droga lil terzi, sabiex tinstab htija ta' pussess bl-aggravanti, izda huwa sufficjenti illi jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, illi l-pussess tad-droga ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu.

Kif gie ritenut ukoll fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Marius Magri</u>**:

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed.*" U kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmel Spiteri</u>**, "*meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati*".

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Kif inghad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi**:

" *... l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101.*"

U kif inghad minn din il-Qorti, kif diversament preseduta mill-Magaistrat Dr. Lawrence Quintano, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Abela**, tat-8 ta' April 2005, mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna dwar ir-reat ta' pussess aggravat, wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni illi meta tinstab droga f'ammont konsiderevoli, jekk tinghata raguni ghall-presenza qawwija tad-droga li tkun tissodisfa lill-Qorti, allura r-reat ta' pussess aggravat ma jkunx gie ippruvat.

Issa f'dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni gabet il-prova fil-grad rikjest mil-ligi, kemm tal-ammont ta' droga eroina misjuba, kif ukoll tal-pussess, liema pussess gie ammess mill-imputat fix-xhieda tieghu. Huwa evidenti, fil-fehma tal-Qorti, illi l-kwantita` ta' droga eroina hekk misjuba ossia f'piz ta' 7.918 grammi, certament m'hijiex kwantita` negligibbli jew insinjifikanti u lanqas ma hija kwantita` li wiehed normalment jassocjaha ma' uzu esklussiv da parti tal-pussessur. Tenut kont li normalment qartas jikkontjeni cirka 0.1 grammi eroina, dan ifisser li wiehed jista' johrog madwar 79 qartas minn dan l-ammont.

Il-Qorti tirreferi ghall-kunsiderazzjonijiet taghha izjed ‘il fuq fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, fejn inghad ampjament kif il-Qorti ma tqisx illi l-imputat kien kredibbli fix-xhieda tieghu dwar ir-raguni ghaliex huwa kien niezel minn Sqallija b’ammont ta’ kwazi tmien grammi eroina. Apparti li fil-fehma tal-Qorti, ma giex ippruvat sodisfacentement f’hiex kien jikkonsisti l-vizzju tad-droga li l-imputat jghid illi kellu, kif inghad, li kieku huwa verament tela’ Sqallija ghal jumejn u ha mieghu d-droga sabiex ikollu skorta ghal dawn il-jiem, ma kienx ikollu ghalfejn itella’ mieghu ammont li jissupera l-ammont li nstab fuqu, u jinzel lura b’ammont ta’ 7.918 grammi, wara li suppost diga` kien utilizza minn din id-droga huwa stess, la darba jghid illi kien jikkonsma bejn gramma u nofs u zewg grammi eroina. Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, l-imputat bl-ebda mod ma wera – lanqas sal-grad tal-probabbli – ghaliex huwa kellu dak l-ammont ta’ droga kollha fil-pussess tieghu u ghaliex kien niezel b’din id-droga kollha minn Sqallija, kif lanqas ma wera, tal-inqas fl-istess grad, li din id-droga kienet kollha ghall-uzu personali tieghu. Skont il-verzjoni tieghu dwar kemm kien jikkonsma droga, l-imputat kellu fuqu skorta ta’ erbat ijiem droga u mhux skorta ta’ jum, wara li suppost diga` kien ghamel uzu mid-droga fil-jum li kien qatta’ gewwa Sqallija. Sa hawn il-Qorti hija diga` moralment konvinta li l-pussess tad-droga in kwistjoni da parti tal-imputat kien wiehed aggravat.

Jirrizulta imbaghad mir-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada[11], specifikatament minn zewg messaggi li huwa rcieva fuq il-*mobile* tieghu, illi fiz-zmien in kwistjoni, l-imputat kien jircievi ghajnuna ghall-qaghad. Ghalkemm dan ma jfissirx necessarjament li l-imputat ma kellux introjtu iehor mill-band l-ohra, jekk l-imputat kellu l-vizzju tad-droga eroina li jghid illi kellu, il-Qorti tiddubita ferm u huwa tassew inverosimili, li huwa kien f’posizzjoni li jmantni mpjieg li permezz tieghu jkollu ntrojtu fiss. Ikkunsidrati dawn ic-cirkostanzi, u li kieku l-imputat kellu dan il-vizzju tant qawwi, huwa ma kienx ikun f’xi posizzjoni finanzjarja li joqghod jaghmel il-kapricci u jitla’ Sqallija biex igib id-droga ghall-uzu personali tieghu, kif huwa evidenti wkoll li biex imantni l-vizzju li huwa jghid li kellu, kien jehtieglu xi forma ta’ introjtu iehor, apparti l-ghajnuna ghall-qaghad.

Tenut kont ta’ dawn ic-cirkostanzi kollha ossia l-ammont sinjifikanti ta’ droga li nstabet fil-pussess tal-imputat, ic-cirkostanzi li fihom instabet din id-droga, in-nuqqas ta’ kredibilita` tal-imputat u l-inverosimilita` tal-verzjoni tieghu, il-Qorti

---

[11] Din tinsab esebita a fol. 38 tal-process. F’dan ir-rigward ghalkemm hadd mix-xhieda li xehdu f’dawn il-proceduri ma semmew kif u minn fejn elevaw zewg *mobiles*, jirrizulta madankollu mill-istess relazzjoni illi messagg fl-*inbox* fil-*mobile* tal-marka Samsung, jirreferi ghal ‘Clif’ (l-imputat odjern jismu Clifford Bonnici), fil-waqt illi zewg messaggi ohra fil-*mobile* tal-marka Nec, jirreferu ghal ‘C. Bonnici’. Ghalhekk il-Qorti m’ghandhiex dubju illi dawn il-*mobiles* effettivament kienu jintuzaw mill-imputat odjern.

hija moralment konvinta illi d-droga hekk misjuba ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi anke t-tieni imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

B'dan izda illi ghalkemm il-Prosekuzzjoni addebitat lill-imputat ukoll bir-reat kontinwat, ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqis illi ma tirrizulta l-ebda prova illi l-imputat kellu l-pussess aggravat tad-droga eroina f'jiem ohrajn, apparti l-jum in kwistjoni jew inkella li huwa importa tali droga f'xi jiem ohrajn, qabel il-25 ta' Marzu 2007. Ghalhekk il-Qorti qeghda ssib htija biss, dwar iz-zewg imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, fir-rigward tal-25 ta' Marzu 2007, izda mhux fir-rigward tax-xhur ta' qabel din id-data u lanqas ma qeghda tqis ir-reati bhala reati kontinwati ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni illi l-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tal-kaz odjern kienet wahda netta. Ghalkemm il-Qorti ordnat lill-Prosekuzzjoni sabiex tesebixxi fedina penali aggornata tal-imputat, din baqghet ma gietx esebita.

Qieset ukoll illi l-ammont tad-droga eroina f'dan il-kaz kien ta' 7.918 grammi, liema ammont il-Qorti ma tqisx li kien wiehed zghir jew insinjifikanti.

Tqis ukoll illi ghalkemm dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2007, biss hafna mid-dewmien f'dawn il-proceduri, kien imputabbli lill-imputat stess jew lid-difiza. Tqis ukoll ghal fini ta' piena, illi ghalkemm ma tirrizulta l-ebda prova ohra in sostenn ta' dan, l-imputat jghid illi ghadu sa llum jottjeni l-kura ghall-vizzju tad-droga li huwa kellu u li ilu jottjeni l-kura miz-zmien tal-kaz odjern.

Il-Qorti qed tikkunsidra wkoll illi r-reat mertu tal-ewwel imputazzjoni serva bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi mwettaq ir-reat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni u ghalhekk qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV, V u VI, l-Artikoli 10(1), 12, 15A, 22(1)(a), 22(1B) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, b'dan illi dan biss b'referenza ghall-jum tal-25 ta' Marzu 2007 u mhux ghax-xhur ta' qabel din id-data u lanqas bhala reat kontinwat, u qed tikkundannah ghall-piena ta' **tnax-il xahar prigunerija effettiva** u **multa ta' elf Euro (€1,000)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu man-nomina tal-esperti fil-mori tal-inkjesta li saret dwar dan il-kaz u cioe` l-ispejjez relatati mar-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, ammontanti ghas-somma ta' tliet mija, hamsa u disghin Euro u hmistax-il centezmu (€395.15) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada, ammontanti ghas-somma ta' tliet mija, wiehed u sebghin Euro u hamsa u sittin centezmu (€371.65), liema spejjez b'kollox jammontaw ghas-somma ta' seba' mija, sitta u sittin Euro u tmenin centezmu (€766.80) u ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sena mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mad-droga, esebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna wkoll ir-rilaxx tal-*mobile phones* li gew esebiti flimkien mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, favur il-hati.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat